

32004R1965

L 339/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

16.11.2004

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1965/2008**tal-5 ta' Novembru 2004****li jemenda, għat-tlethax-il darba, ir-Regolament (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(a) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004 jelenka l-persuni li jaqgħu taħt l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji skont dak ir-Regolament.
- (2) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda dak l-Anness, filwaqt li tikkunsidra Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jimplimentaw il-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PBSK dwar aktar miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-ICTY². Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008//PBSK³ ta' Settembru 2008 timplimenta dik il-Pożizzjoni Komuni. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004 għandu għaldaqstant jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004 hu emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

¹ ĠU L 315, 14.10.2004, p. 14.

² ĠU L 315, 14.10.2004, p. 52.

³ Ara paġna 16 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Novembru 2004.

Għall-Kummissjoni
Eneko Landáburu
Id-Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

ANNEX**Il-persuna li ġejja għandha titneħħa mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004:**

Karadžić, Radovan. Data tat-twelid: 19.6.1945. Post tat-twelid: Petnjica, Savnik, il-Montenegro, is-Serbia u l-Montenegro. Nazzjonalità: Il-Bożnija u Ħerzegovina